# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2016

Appell Nru:

174/2014

176/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**John Farrugia**

***omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet originarjament dedotti kontra l-appellant John Farrugia detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 775846M, u *omissis* akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippromowovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' diversi persuni f'Malta) bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali (u cioe' diversi atti ta' korruzzjoni, falsifikazzjoni ta' dokumenti, u atti ohra) li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien ebra' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A(1) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjenew ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoliu 18, 83A (2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Ukoll talli f'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

3. Fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircievew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huma ma kellhomx jedd; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati f'amministrazzjoni pubblika, jew fil-kapacita' taghhom ta' impjegati tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellhom kemm jekk ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga taghhom, esigu dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghdu, taw jew offrew sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux

xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi perusna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' sub-titolu 121A(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghlu lil dik il-perusna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-perusna ohra jew ghal xi hadd iehor, (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 121A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' Malta College of Arts, Science and Technology(MCAST); (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

7. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' certifikati mahrugha mill-MCAST, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

8. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu

minnhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhomi ta' ufficcjal jew impjegati pubblici, waqt illi kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi tieghu, sew billi nizzlu pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettatti jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjaraw bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 180 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjali jew impjegati pubblici, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz; kif wkoll talli xjentement ghamlu uzu minn tali dokumenti; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 185 u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

12. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat; ( Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

13. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkommettew talli reati filwaqt li kienu ufficjali jew impjegat pubblici, b'hekk saru hatja ta' reati li hellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom d-dmir li jimpedixxu. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti kienet mitluba sabiex: tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti; tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' April, 2014, fejn wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Mejju 2008 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 115 (c), 308, 309, 310, 183, 184, 185, 186 u 141 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet (3), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tal-ghaxar (10) u tat-tlettax( 13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu erba'(4) snin prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom. Stante li t-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11) u t-tnax (12)-il imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghas-seba' (7) u ghall-ghaxar (10) imputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 10 u 119 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa ta' John Farrugia u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tkun notifikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex issir il-publikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kodici Kriminali.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat John Farrugia sabiex sa zmien xahar minn meta jkun hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u

tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2288.78) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' April, 2014, li bih talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie ddikjarat mhux hati u minnha lliberatu cioe': l-ewwel(1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni.

b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati cioe' it-tielet (3), is-sitta (6), is-seba' (7), l-ghaxra (10) u t-tlettax (13) l-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

c) Thassarha u tirrevokaha wkoll fil-parti fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tat-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11) u t-tnax (12) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi; u

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ukoll ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' April, 2014, li bih talab li tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat hati tat-tielet (3), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tal-ghaxar (10) u tat-tlettax (13) il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija, fejn ma sabitux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnhom u fejn iddikjarat illi stante li t-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11) u t-tnax (12) il-imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghas-seba' (7) u ghall-ghaxar (10) imputazzjoni, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom; kif ukoll fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 10 u 119 tal-Kodici Kriminali ordnat l-

interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat u fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu, b'dana pero' li ma tali piena, tapplika ukoll il-konfiska ai termini ta' l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu, 2016 f'dik il-parti fejn l-appellant irtira l-aggravji tal-appell hlief ghal dak rigwardanti l-piena;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz hemm zewg appelli dak interpost minn John Farrugia u dak mill-Avukat Generali, l-appellant John Farrugia originarjament talab il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant kien misjub mhux hati u t-thassir taghha f'dik il-parti fejn sabitu hati. Gara izda illi fil-mori tal-appell, l-appellant Farrugia ghamel is-segwenti dikjarazzjoni kif registrata fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 li ghal kull buon fini qed tkun riprodotta verbatim: *Id-*

*difiza tiddikjara li in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u hawn wiehed qieghed jirreferi ghall-istat fragli, prekarju u vulnerabbli tal-imputat kemm mil-lat fiziku, mediku u psikjatriku u tenut kont il-periklu li l-appellant qed jinkorri kull darba li jkollu jigi l-Qorti u periklu ta' riskju ta' hajja minhabba l-istat mediku tieghu ghal-finijiet ta' gustizzja kif ukoll sabiex ikun hemm konkluzzjoni ta' dan il-kaz, id-difiza qed tirtira l-aggravji f'dan l-appell filwaqt li zzomm ferm u sod l-aggravju fil-piena.* Illi ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-aggravji tal-appellant hlief ghal dawk dwar il-piena u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

Kwantu ghall-gravami tal-appell rigwardanti l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellant Farrugia jargument illi il-fedina penali, ir-rapport tal-Probation Officer Rona Custo, it-trapass tas-zmien minn meta sar ir-reat, l-eta', il-mard kif ukoll is-sitwazzjoni prezenti tal-esponent kellhom jinghataw aktar attenzjoni u kellhom ikunu moghtija piz akbar meta l-Ewwel Qorti kkominat il-piena u li dawn ic-cirkostanzi kollha jimmeritaw temperament fil-piena. In rigward ta' dan, tajjeb li *in primis* ikun mfakkar il-monitu wisq drabi mill-Qrati illi ma huwiex normali li din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. (ara per ezemplari fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbklika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015);

Ma hemmx dubju illi l-piena kominata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u aktar lejn il-minimu. Madanakollu din il-Qorti semghet lil-ispecjalista Dr. Ethel Felice tixhed fid-dettall dwar il-kundizzjoni medika li

sab ruhu fiha l-appellant appena tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-appell u dan lura f'Gunju tas-sena 2007. Minn dak li fehemet il-Qorti, l-agir tal-appellant ma kienx wiehed li qatt seta jigi f'mohhu li ghamel u ghalhekk meta tressaq il-Qorti waqa' f'dipressjoni gravi u sahhtu bdiet tiddeterjora sakemm eventwalment kien aflitt minn problemi medici, psikjatrici u fizici b'mod akut tant illi sabiex jkun prezenti l-Qorti jehtieg li minn hmistax-il jum qabel jinghata kura appozita tant li bilkemm ikun kapaci isegwi l-andament tal-kawza ghaliex ikun prattikament *sedated*. Wara d-deposizzjoni ta' Dr. Felice, l-Avukat Generali ddikjara s-segwenti skond kif registrat fil-verbal tas-seduta tat- 3 ta' Marzu 2016: *Dr. Valletta ghall-Prosekuzzjoni anke fuq dak li semgha minn Dr. Felice jaqbel mad-difiza li tenut kont is-sitwazzjoni ta' sahha, li l-Prosekuzzjoni tikkondividi din is-sitwazzjoni kif spjegata mid-difiza, thoss li hi kuxjenzjozament ma thossx li l-piena karcerarja hija idonea, izda thalli f'idejn il-Qorti biex tghazel il-piena alternattiva li jimmeritaw ic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.* Il-Qorti hi tal-fehma illi tenut kont tac-cirkostanzi specjali f'dan il-kaz li jakkludu, il-vunerabilita' tal-appellant, l-eta tieghu, il-kundizzjoni prekarja ta' sahhtu karpita b'kundizzjoni medika severissima, kundizzjoni psikjatrika u fizika, hemm lok ta' temperament fil-piena u l-appell kwantu limitat ghall-aggravju dwar il-piena ser ikun milqugh bil-mod kif ser isegwi fl-ahhar parti ta' din is-sentenza;

Qabel tiddetermina l-piena, izda, din il-Qorti ser titratta l-appell interpost mill-Avukat Generali li huwa limitat ghal-fatt illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghazel li ma tapplikax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap 373 u l-artikolu 23B tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali jargumenta illi l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 li jitratta dwar l-iffrizar ta' proprjeta ta' persuna akkuzata kien rez applikabbli fil-kaz odjern bl-applikazzjoni tal-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9. L-Ewwel Qorti kienet gia laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tkun frizata l-proprjeta' tal-appellant, allura imputat, kienet harget ordni tal-

iffrizar fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2007. Kien ghalhekk jispetta lill-Ewwel Qorti li bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat mill-proprjeta' hekk frizata;

L-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju tieghu. L-Artikolu 5 tal-Kap 373, l-Att kontra *Money Laundering*, jipprovdi illi meta persuna tkun akkuzata taht l-artikolu 3, igifieri att ta' *money laundering* (skond it-tifsira ravvizata fl-artikolu 2) il-Qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni taghmel ordni li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta' tieghu. Jipprovdi ukoll ghall-projbizzjoni li l-akkuzat jitrasferixxi, jaghti b'rahan, jipoteka jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli. Issa, kif tajjeb argumenta l-Avukat Generali, dik l-ordni gia inghatat per via ta' digriet tad-9 ta' Lulju 2007. L-artikolu 23A tal-Kap 9 imbaghad jipprovdi illi kull meta persuna tkun akkuzata b'reat li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja hlief ghal delitt taht il-Kap 101 u l-Kap 31, li ghalih tista tinghata l-piena ta' prigunerija jew ta' detenzjoni ghal zmien aktar minn sena, ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap 373. Issa, fit-termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 5, dak l-ordni jibqa' jsehh sakemm il-procedimenti jkunu decizi b'mod finali u konklussiv, sakemm is-sentenza tkun esegwita. Imbaghad l-artikolu 23 B tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi *mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-Qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti* [art 23A Kap 9] *u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati, sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.* Illi ghalhekk isegwi illi la darba l-appellant kien instab hati ta' "reati rilevanti" fit-termini tal-artikolu 23A u 23B, l-Ewwel Qorti kellha ukoll tordna

l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' dawk l-oggetti kolpiti bl-ordni tal-iffrizar skond kif vigenti fid-data tad-9 ta'Lulju 2007, id-data tad-digriet li fiha saret l-istess ordni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti :

a) Kwantu ghall-appell ta' John Farrugia, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet (a), (b) u (c) tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata billi thassaraha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-zmien ta' prigunerija ta' erba snin u minflok, l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9, stante li jezistu r-ragunijiet specjali kif indikati *supra,* tghazel illi tinzel taht il-minimu tal-piena stabbilita ghar-reati li dwarhom instab hati u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

b) Kwantu ghall-appell tal-Avukat Generali, tilqa' t-talba limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-John Farrugia hati tat-tielet (3), tas-sitt (6), tas-(7), tal-ghaxar (10) u tat-tlettax (13)-il imputazzjoni; f'dik il-parti fejn ma sabitux hati u konsegwentement illiberatu mill-ewwel (1), mit-tieni (2), r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u fejn iddikjarat illi stante li t-tmien (8), id-disa (9), il-hdax (11) u t-tnax (12)-il imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghas-seba (7) u l-ghaxar (10) imputazzjoni, astjenijiet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, kif ukoll fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 10 u 119 tal-Kodici Kriminali ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-appellant u fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannatu sabiex ihallas is-somma ta'elfejn mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu u b'zieda mal-piena inflitta, fit-termini tal-artikolu

23B tal-Kodici Kriminali Kap 9 tordna l-konfiska favur il-Gvern ta'' Malta tal-oggetti kollha ta' John Farrugia kolpiti bl-Ordni tal-Iffrizar tad-9 ta'Lulju 2007. Finalment tichad it-talba ghal-konferma ta'dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellant kien kundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba' snin ghar-ragunijiet gia moghtija fl-appell interpost minn John Farrugia.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser bi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza f'kaz illi jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija f'dawn is-sentejn.